**9 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Frank G. Camilleri LL.D.**

Mandy Lowrey

*versus*

Direttur tar-Reġistru Pubbliku

**Kunjom - Korrezzjoni Fi**

*Il-Qorti laqgħet it-talba attriċi u ordnat korrezzjoni f'isimha.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi li biha, wara li ppremettiet:

Li fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-attriċi numru 4559 tas-sena 1975, il-kunjom tal-missier huwa miktub ħażin, u ċjoè "Lauri

minflok Lowrey", darbtejn fl-ewwel kolonna u darba oħra fl-aħħar kolonna;

Talbet li l-konvenut jgħid għaliex din il-Qorti ma għandhiex tordna l-korrezzjoni ta' *l-att tat-twelid imsemmi* numru 4559 tas-sena 1975 billi fl-ewwel kolonna isem il-missier tat-tarbija għandu jinqara "Albert Lowrey", u fl-aħħar kolonna, isem u kunjom tal-missier tat-tarbija, għandu jinqara "Renald Lowrey". Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata u n-nota tax-xiehda ta' l-attriċi;

Rat l-opportuna pubb*likazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern* numru 15,885 tal-15 ta' Frar, 1994, permezz ta' l-Avviż numru 192;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

Preliminarjament, li n-numru taċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' Mandy Lauri kif riprodott fl-att taċ-ċitazzjoni (għandu) jiġi korrett u jsir 4559/1975 flok 009483;

Fil-meritu, illi huwa mhux edott f'dan l-istadju mill-fatti li taw lok għall-kawża u jirrimetti ruħu għall-provi;

Illi huwa m'għandux ibati spejjeż;

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata u n-nota tax-xiehda *tal*-konvenut;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Frar, 1996, li permezz tiegħu ordnat li jiġi allegat il-proċess tal-kawża fl-ismijiet **Demis Lowrey vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (Ċitaz. nru. 28/94 GCD);

Rat l-atti ta' dan il-proċess;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Eżaminat l-affidavit ta' l-attriċi u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

L-attriċi qiegħda taġixxi b'din l-azzjoni sabiex iċ-Ċertifikat tat-Twelid tagħha, li jġib in-numru progressiv, numru 449 tas-sena 1975 (kopja tiegħu esebita a *fol. 40*), jiġi korrett bitli l-kunjom ta' missierha, kull fejn jirrikorri, jinsab miktub ħażin, ċjoè "Lauri" minflok "Lowrey". Dan ifisser illi qiegħda titlob li, fl-ewwel kolonna, kunjom missierha għandu jinbidel ukoll u jiġi jaqra "Renald Lowrey". Korrezzjoni oħra li qiegħda tintalab hija fis-sens li l-isem ta' min għamel id-dikjarazzjoni tat-twelid jiġi jaqra "Carmela *wife of* Albert Lowrey";

*Jingħad illi, fl-udjenza tal-21 ta' Frar, 1996, l-avukat ta' l-*attriċi, talab li jiġi allegat il-proċess ta' kawża oħra intavolata minn Demis Lowrey, li jiġi hu l-attriċi, fl-ismijiet **Demis Lowrey vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (Ċitaz. nru. 28/94 GCD), u li ġiet deċiża minn din il-Qorti, diversament ippresjeduta fl-14 ta' Diċembru, 1995, u din it-talba ġiet akkolta b'digriet mogħti seduta stante;

*Jirriżulta li din il-kawża kienet saret ukoll biex jiġi korrett* iċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' Demis Lowrey fis-sens li l-kunjom

tal-missier, li erronjament tniżżel li kien "Lauri", jiġi sostitwit bil-kunjom veru tiegħu, ċjoè "Lowrey";

Huwa ovvju, għalhekk, illi d-dokumenti esebiti fil-kawża msemmija huma ukoll rilevanti għal din il-kawża odjerna;

Fis-sentenza tagħha ta' l-14 ta' Diċembru, 1995, din il-Qorti kkunsidrat li l-Att taż-Żwieġ numru 1192 ta' l-1943 (dok. DL1 - esebit fil-kawża), juri li Ronald Lowrey u Ellen Montebello żżewġu fit-2 ta' Ġunju, 1943, u li l-Att tat-Twelid ta' Albert Lowrey, li għandu n-numru 6143 ta' l-1952 (dok. DL2), juri li l-imsemmija Ronald Lowrey u Ellen (jew Helen) neè Montebello huma l-ġenituri ta' Albert Lowrey li twieled fl-24 ta' Awissu, 1952. Konsiderazzjoni oħra li għamlet il-Qorti kienet li dan Albert Lowrey jirriżulta mill-Att taż-Żwieġ numru 2739 ta' l-1974 (dok. DL4). Kwindi in bażi għal dawk ir-riżultanzi, l-istess Qorti tal-Prim'Awla ħasset li kellha tgħaddi biex tilqa' t-talba għall-korrezzjoni tal-kunjom tal-missier u ordnat li dan jinbidel minn "Lauri" għal "Lowrey";

Din il-Qorti ukoll, fuq l-iskorta ta' l-imsemmija sentenza u partikolarment in bażi għall-konsiderazzjonijiet hawn fuq riprodotti, kif *ukoll wara li kkunsidrat li dak li l-attriċi stqarret* fl-affidvait tagħha (esebit a fol. 29), u ċjoè li hija bint l-istess Albert Lowrey u Carmela neè Fenech, ma jinsab kontradett minn xejn u minn ħadd, *ikollha tikkonkludi li ċ-Ċertifikat* tat-Twelid ta' l-attriċi għandu jiġi korrett fl-istess sens, ċjoè li l-kunjom ta' missierha għandu jinbidel u jsir jaqra "Lowrey". Konsegwenza loġika ta' dan hija li anke t-talba biex isem il-persuna li għamlet id-dikjarazzjoni jinqara "Carmen *wife of* Albert Lowrey", għandha tiġi akkolta;

Il-Qorti, għalhekk, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u hekk tordna li, fl-Att tat-Twelid ta' l-attriċi, li jġib in-

numru progressiv 4559 tas-sena 1975, isiru dawn il-korrezzjonijiet:

Fil-parti relattiva għal "tagħrif dwar missier it-tarbija", taħt "isem u kunjom", il-kunjom "Lauri" għandu jitħassar u floku jidħol il-kunjom "Lowrey";

Fil-parti relattiva għal "tagħrif dwar missier it-tarbija", fl-aħħar kolonna, taħt "isem u kunjom il-missier, u jekk hux ħaj jew mejjet", il-kunjom "Lauri" għandu jitħassar u floku jidħol il-kunjom "Lowrey";

Fil-parti relattiva għal "min jagħmel id-dikjarazzjoni" il-kunjom "Lauri" għandu jitħassar u floku jidħol il-kunjom "Lowrey";

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attriċi.